# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DEĊIŻJONI NRU 1796

Każ Nru 2453/FM

Fil-kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Jason Muscat

u

St Edward's College

dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta

Data: 20 ta' Lulju 2007

**Chairman: Franco Masini**

## 1. Introduzzjoni

Fil-25 ta' Jannar 2007 l-Avukat Paul Pullicinoipprezenta rikors f'isem is-sur Jason Muscat fejn allega li dan wara li kien ġie liċenzjat għal raġuni ta' *redundancy* ma kienx ġie mogħti l-post lura meta ġew impjegati persuni oħra f'inqas minn sena mill-liċenzjament tiegħu. St Edward's College, li kien rapprezentat mis-sur Anthony Saliba, *Headmaster*, assistit mill-Avukat Peter Fenech, innegat dan. Inżammu tliet seduti.

Ai termini ta' l-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad li minħabba differimenti twal li ntalbu ma kienx possibbli li l-każ jinqata' fi żmien xahar preskritt fl-istess liġi.

## 2. Fatti tal-Każ

L-Appellant kien jokkupa l-kariga *part-time* ta' għalliem tal-*Physical Education and Sports*, mal-Kulleġġ Appellat. Huwa kien ġie liċenzjat għal raġuni ta' *redundancy* f'Ġunju 2006. F'Diċembru tal-2006 il-Kulleġġ Appellat wara *call for applications* publikata f'wieħed mill-ġurnali impjega persuni oħra biex allegatament jagħmlu l-istess xogħol *part time* li kien jagħmel l-Appellant u dana meta ma kienitx għaddiet sena mil-liċenzjament tiegħu.

Il-Kulleġġ Appellat jirritjeni li x-xogħol li kienu ġew imqabbda jagħmlu dawn persuni ġodda kien totalment differenti minn dan li kien jagħmel l-Appellant u oltre dan huma kienu individwalment kwalifikati ħafna fid-dixxiplini differenti li kienu ddaħlu għalihom.

## 3. Konsiderazzjonijiet

Jidher ċar li l-Appellant ma kienx qed jikkontesta l-liċenzjament tiegħu għal raġuni ta' *redundancy*. Fil-fatt huwa ġa kien ikkuntesta *redundancy* preċedenti minn ma' l-istess prinċipal fuq bażi ta' *first in last out*. Iżda din kienet ġiet respinta mit-Tribunal Industrijali diversament presjedut (ara Deċizjoni Nru 1702 tat-22 ta' Mejju 2006) liema deċizjoni kienet ukoll konfermata mill-Qorti ta' l-Appell per l-Onor Imħallef Philip Sciberras (14 ta' Diċembru 2006). Sussegwentement huwa kien reġa ġie mpjegat *part time* u f'Ġunju 2006 kien reġa ġie definittivament liċenzjat minħabba *redundancy*.

Ma jidhirx li kkuntesta dan it-tieni liċenzjament tiegħu tant li ż-żmien ta erba' xhur rikjest mill-liġi li matulu seta' jikkuntesta l-liċenzjament kien ġa skada meta ġie ntavolat ir-rikors promotorju tal-każ odjern.

L-Appellant ibbaża l-ilment tiegħu fuq d-dritt residwu ta' ri-impieg peress li skond hu l-post li kien jokkupa sar ottjenibbli fi żmien sena mid-data tat-tmiem l-impieg tiegħu.

Li ried jara t-Tribunal huwa jekk l-impjiegi ġodda li nħolqu kienux jinvolvu ħidma b'sostituzzjoni ta' dak li kien jagħmel l-Appellant qabel ma ġie definittivament liċenzjat. Irid jara wkoll it-Tribunal kienx dan xi sotterfuġju biex l-Appellant jiġi rimpjazzat minn għalliema oħra bl-ikuża komda ta' *redundancy*.

Mix-xhieda jirriżulta li kien inħass il-bżonn illi matul il-*break* isiru xi attivitajiet sportivi u dana wara talba speċifika tal-ġenituri u wkoll biex tiġi rinfurzata l-fama tal-Kulleġġ Appellat bħala wieħed li jeċċella fil-kamp sportiv. Dana, skond ix-xhud Dr John Portelli, membru tal-Bord tal-Gvernaturi, kien b'xejn għall-istudenti u kien "*a constant extra curricular activity*" (seduta tas-6 ta' Ġunju 2007 fol. 3). Għalhekk ma jistax jingħad li kienet xi attività kurrikulari li tista b'xi mod tiġi interpretata li kienet sostituzzjoni ta' lezzjonijiet ta-*PE* li kien jagħti l-Appellant waqt il-karriera tiegħu mal-Kulleġġ Appellat. Tant hu hekk illi x-xhud Anthony Saliba fuq domanda speċifika tat-Tribunal stqarr illi l-*Physical Education* hija *compulsory* waqt li s-siegħa tal-*break* hija extra kurrikulari (seduta 28 ta' Frar 2007 fol. 16). Qal ukoll illi l-*PE teachers* li hemm illum ma jipparteċipawx f'din is-siegħa (seduta 28 ta' Frar 2007 fol.15).It-Tribunal jinnota wkoll illi l-impieg ta' persuni ġodda sar bil-miftuħ u bl-iktar mod trasparenti peress li kien hemm *call for applications* pubbliku f'ġurnal u ma jidher li saret l-ebda manuvra bil-moħbi biex jingħataw l-impiegi imsemmija.

L-Appellant irritjena li huwa kien kwalifikat biżżejjed biex jagħmel dan ix-xogħol li ġie fdat f'idejn l-impjegati ġodda. Jirriżulta b'mod ċar li l-impjegati ġodda kellhom kwalifiki tajbin. Iżda it-Tribunal ma daħalx fil-fond fuq dan il-punt għaliex il-*core issue* ma kienx xi konkors dwar l-abbiltajiet u l-kwalifiki iżda kien fuq in-natura ta' l-impieg ġdid u jekk dan kienx sostituzzjoni tad-doveri preċedenti ta' l-Appellant. It-Tribunal innota wkoll il-fatt li l-Appellant ma kienx applika meta deher fil-ġurnal ir-riklam dwar il-postijiet li riedu jimtlew għad li dak iż-żmien kien għadu mingħajr impieg.

**4. Deċizjoni**

It-Tribunal Industrijali isib li l-ingaġġ ta' impjegati *part time* ġodda biex jagħmlu xoħol fil-*break* mill-Kulleġġ Appellat St Edward's College ma jmurx kontra l-provvedimenti tal-Artiklu 36(3) tal-Kap 452 a konfront ta' l-Appellant Jason Muscat u għaldaqstant il-pretensjoni ta' l-Appellant għal ri-impieg jew kumpens mhix akkolta.

B'hekk jintemm dan il-każ.

**5. Drittijiet**

Ai termini tal-Avviż Legali Numru 48 tal-1986 it-Tribunal jiffissa d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' Lm40 kull wieħed.

iffirmat/ Franco Masini
Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea
A/Segretarja